MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 163/2007

**Philip Mario Bezzina (I.D. 534371(M)).**

**vs.**

**Maria Rosabella *sive* Rosabel Bezzina (I.D. 145574(M)).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Philip Mario Bezzina datat 14 ta' Frar 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi huwa zzewweg lil Maria Rosabella Bezzina fit-3 ta' Ottubru 1998 fil-Knisja Arcipretali ta' Haz Zebbug, skont kif jidher mic-certifikat anness u mmarkat Dok. "PB 1".

Illi huwa kien telaq mid-dar matrimonjali, bi ftehim ma' martu u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tieghu, u

sabiex isalva z-zwieg, ghaliex martu kienet qaltlu li tixtieq ftit zmien wahedha u kienet ammettiet li saret thobb lil ragel iehor.

Illi l-konvenuta ghalkemm ma biddlitx is-serratura tad-dar matrimonjali, hija imbarrat il-bieb bi stanga tal-hadid minn gewwa u taccedi ghad-dar mill-bieb ta’ barra tad-dar tal-ġenituri taghha li joqghodu ezatt taht u minn hemm tghaddi mill-bieb divizorju li hemm bejn it-tarag tad-dar matrimonjali u l-*living room* tad-dar tal-genituri taghha.

Illi minhabba dan l-agir abbuziv u llegali tal-konvenuta, l-attur gie mcahhad mid-dritt u tgawdija ta’ daru u ta’ hwejgu.

Illi minhabba li dan l-agir abuziv tal-konvenuta jikkostitwixxi spoll kontra l-attur u dan l-ispoll sar inqas minn xahrejn ilu l-konvenuta giet imsejha sabiex tqieghed kollox fl-istat li fih kien qabel, izda irrifjutat, u ghajritu mkecci, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tnehhi l-istanga u kull ma hemm jimbarra l-bieb ta’ barra tad-dar matrimonjali fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss mill-Qorti u taghti lill-attur access hieles ghad-dar matrimonjali.

Bl-ispejjez komprizi kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta’ Marzu 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Maria Rosabella *sive* Rosabel Bezzina datata 14 ta’ Marzu 2007 a fol. 9 tal-process fejn esponiet: -

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda *stante* li huma nfondati kemm filfatt u kemm fid-dritt u l-esponenti ma ghandhiex tigi kundanna thallas spejjez ghal dawn il-proceduri.

2. Illi l-istanga tal-hadid fid-dar matrimonjali ilha hemm minn ferm qabel mar-rikorrenti telaq mid-dar matrimonjali u ghaldaqstant l-esponenti ma kkommettiet ebda agir abbuziv u llegali minn mindu r-rikorrenti ghazel li jitlaq mid-dar matrimonjali.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ma ghamlitx it-talba tieghu fiz-zmien prevista mil-ligi u dan peress li huwa telaq mid-dar matrimonjali fi Frar 2006 u cioe` cirka sena minn mindu telaq mid-dar matrimonjali.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimata a fol 9 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-22 ta' Marzu 2007 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata tal-affidavit attrici bi zmien tletin (30) jum minn dan il-verbal u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa seduta wahda ghall-konkluzjoni tal-provi attrici. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghall-21 ta' Gunju 2007.

Rat in-nota tal-attur datata 20 ta' April 2007 (fol.12) li biha esebixxa zewg affidavits (Dok "AFF 1" u Dok "AFF 2").

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, inkluza x-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti kollha pprezentati .

Rat il-nota tal-konvenuta datata 24 ta' Lulju 2007 li permezz taghha pprezentat zewg affidavits a fol. 44 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur Philip Mario Bezzina datat 1 ta' Settembru 2008 a fol. 112 tal-process u id-digriet datat 2

ta’ Settembru 2008 innominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Michael Camilleri sabiex jisma l-provi li fadal.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda kollha quddiemu prodotta.

Rat il-verbali tas-seduta kollha mizmuma quddiem il-Qorti inkluza dik tas-seduta tas-seduta tat-18 ta’ Gunju 2009 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-26 ta’ Novembru 2009 ghas-sentenza.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur Philip Mario Bezzina datata 30 ta’ Lulju 2009 a fol. 128 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ spoll fejn l-attur jallega li huwa ma baqax jidhol fid-dar matrimonjali peress li meta pprova jidhol huwa sab il-bieb ta’ barra tal-istess dar maghluq bi stanga, u ghalhekk ghamel din l-azzjoni sabiex jigi reintegrat fil-pussess tal-istess dar matrimonjali, fis-sens li jkun jista’ jaccedi ghall-istess u b’hekk tigi mnehhija l-istess stanga u kull ma hemm b’mod li huwa jkollu access hieles ghall-istess dar.
Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta’ spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, ibbazati fuq l-**artikolu 535 tal-Kap 16** u l-**artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta,** u huma bbazati fuq it-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrjentement ikkonsidrati fis-sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**” (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta’ Jannar 1999 u “**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**” (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta’ April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta’ l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b’ titolu ta’ proprjeta’ jew servitu’, izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta’ mera tolleranza (**“Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine**” – App. 26 ta’ Jannar 1996).

(b) L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest (**“Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna”** – P.A.(H.H.) 21 ta’ Frar 1983), pero` “*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta’ spoll”* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b’dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**“Camilleri vs Giglio”** – Vol X – p. 55, 56).

(c) Illi a bazi tal-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassativament li l-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll (**“Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et”** (P.A. (FGC) – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC); **“Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone”** – Appell 9 ta’ Marzu 1992);**“Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar”** (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta’ Ottubru 1998).

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta’ spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta’ tal-pussessur b’ mod li jista’ jghati lok ghall-azzjoni ta’ danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**“Joseph Scerri vs Spiridione Falzon”** – P.A. (A.M) 24 ta’ Jannar 1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. (JSP) 30 ta’ Jannar 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**"Margherita Fenech vs Paolo Zammit"** – P.A. 12 ta' April 1958 - Vol XLLI. Pg. 973; **"Carmelo Sacco vs Paul Sacco"** – Appell 23 ta' Jannar 1998).

(f) Illi l-pussess rikjest ghall-azzjoni ta' spoll mhux necesarju li jkun wiehed esklussiv (**"Alfred Pisani et vs Victor Farrugia"** ( P.A. (FGC) – 21 ta' Jannar 1994).

(g) Illi l-azzjoni ta' spoll trid issir "fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spoljattiv, b'dan li skont il-pronunzjament fis-sentenza **"Norman Vassallo vs Filomena Esposito"** (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skont l-**artikolu 562 tal-Kap 12,** l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-partijiet kien u ghaddejjin minn problemi familjari u l-attur ma kienx baqa jghix fid-dar matrimonjali minn Frar 2006, izda xorta wahda kien imur id-dar sabiex jigbor it-tfal tieghu; jidher li sehhew diversi incidenti li wasslu li b'effett mis-16 ta' Dicembru 2006, l-attur ma setghax jidhol izjed fl-istess dar peress li l-bieb ta' barra gie mbarrat mill-konvenuta permezz ta' stanga li kienet saret hemm mis-sena 2005.

Illi ghalhekk jirrizulta mill-atti tal-kawza li kien effettivament mill-gurnata tas-16 ta' Dicembru 2006 li effettivament l-istess attur ma kellux iktar access ghad-dar matrimonjali tieghu, peress li mill-istess data l-istanga kienet u baqghet hemm timbarra l-bieb u ghalhekk l-att spoljattiv sehh dak in-nhar. Tenut kont tal-fatt li c-citazzjoni attrici saret biss fl-14 ta' Frar 2007 jirrizulta ghalhekk li l-azzjoni attrici ma saritx fit-terminu perentorju ta' xahrejn mill-att spolattiv, terminu perentorjament indikat skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 535 tal-Kap 16.**

Illi jirrizulta li l-attur qed isostni *tramite* n-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li att spoljattiv iehor sehh skont huwa bejn l-14 ta' Marzu 2007 u s-17 ta' Marzu 2007 (ara fol. 129 u 130) u dan peress li qed jghid li quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-konvenuta kienet obbligat ruhha li taghmel l-istanga mal-bieb biss meta hija tkun fid-dar, izda gie allegat li ghalkemm hija ma kenitx id-dar fis-17 ta' Marzu 2007, l-attur xorta wahda sab il-bieb maghluq bi stanga.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti xorta wahda l-att spoljattiv huwa dak li sehh fis-16 ta' Dicembru 2006, peress li kien minn dak in-nhar li l-attur ma' setax izjed jidhol fid-dar matrimonjali, u in effetti l-kawza attrici setghet biss tirreferi ghall-istess data, la darba giet intavolata fl-14 ta' Frar 2007, u cjoe' qabel id-data ta' Marzu 2007 li ovvjament kienet ghadha ma sehhitx. Jinghad ukoll li f'Marzu 2007 ma sehh ebda att spoljattiv; gara biss li inzamm l-istess stat ta' fatt li kien ilu jezisti minn Dicembru 2006. Ghalhekk l-azzjoni attrici qed tigi michuda peress li l-azzjoni ta' spoll ma sehhitx fit-terminu ta' xahrejn mid-data ta' l-att spoljativ, kif rikjest mill-ligi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn premess, **tichad it-talba attrici** peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn premessi.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------